# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-20 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 453/2013 SM**

**Emanuel *sive* Noel Palmier**
**(ID 68962M)**

**u**

***PFB Company Limited***
**(C – 18662) VAT reg. MT 13943920)**

**vs.**

**Direttur Generali tat-Taxxa fuq**
**il-Valur Mizjud**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-10 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu ir-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi permezz t'ittra ufficjali datata t-2 ta' Novembru, 2012, l-intimati qed jitlob mir-rikorrenti l-hlas ta' mitejn u sebgha u hamsin elf, tliet mija u tletin euro u seba' centezmi (€257,330.07);

1.2. Illi r-rikorrenti kkontestaw l-imsemmija ittra ufficjali;

1.3. Illi l-intimat isosstni li r-rikorrenti kienu gew notifikati b'valutazzjonijiet *ai termini* tal-artiklu 33 (2) tal-Att fuq it-Taxxa dwar il-Valur Mizjud, 1998, liema valutazzjonijiet qatt ma gew notifikati lir-rikorrenti;

1.4. Illi l-ebda taxxa, interessi, u penali m'huma dovuti mir-rikorrenti lill-intimat, u m'ghandhom l-ebda pendenza fir-rigward;

1.5. Illi l-intimat isosstni li mexa a bazi ta' rapport tal-Unita` li Tara li jkun hemm Konformita` fit-Taxxa;

1.6. Illi t-talba tal-intimat hi infondata;

1.7. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex din:

1.7.1. Tiddikjara li r-rikorrenti ma gewx notifikati b'valutazzjoni tal-allegat dhul oltre dak dikjarat mis-socjeta` rikorrenti;

1.7.2. Tiddikjara li l-ebda Taxx Valur Mizjud, (minn issa 'l quddiem TVM), taxxa addizzjonali, multi u interessi m'huma dovuti minnhom lill-intimati, u li kull avviz ghall-hlas relattiv hu null u minghajr effett;

1.7.3. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

2. Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 4);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datat l-11 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 13):

3.1. Illi permezz t'ittra ufficjali datata t-2 ta' Novembru, 2012, interpella lill-intimat Emanuel Palmier kemm personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` hawn rikorrenti biex ihallas l-ammont hemm indikat, (ara foll 13);

3.2. Illi l-ammont hekk mitlub mill-intimat odjern fil-konfront tar-rikorrenti jirrigwarda taxxa fuq il-valur mizjud, spejjez, u imghaxijiet dovuti lilhu mir-rikorrenti;

3.3. Illi *stante* li r-rikorrenti gia` intavolaw diversi proceduri naxxenti mill-ittra ufficjali *de quo*, (ara foll 13), il-procedura odjerna hi kemm irrita u telf ta' hin prezzjuz;

3.4. Illi ghaldaqstant din il-qorti ghandha:

3.4.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

3.4.2. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 182), u kif sussegwentement estiza permezz tad-digriet taghha datat iz-17 ta' Mejju, 2017, (ara foll 196);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata z-17 ta' Mejju, 2017, (ara foll 197), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata l-4 ta' Settembru, 2017, (ara foll 201);

6. Ezaminat u semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

8. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, (ara foll 207);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi essenzjalment, il-procedura odjerna tirrigwarda s-segwenti:

9.1. Illi permezz t'ittra ufficjali datata t-2 ta' Novembru, 2012, l-intimat talab il-pagament ta' mitejn u sebgha u hamsin elf tliet mija u tletin euro u seba' centezmi, (€257,330.07), minghand ir-rikorrenti;

9.2. Illi l-ammont ta' VAT hekk mitlub hu bbazat fuq valutazzjoni *ex officio* tal-istess intimat rapprezentanti:

9.2.1. Ammont dovut mir-rikorrenti f'ismu proprju;

9.2.2. Amont dovut mis-socjeta` rikorrenti; u

9.2.3. Spejjez u imghaxijiet minn meta kienu dovuti l-imsemmija ammonti sad-data tal-pagament effettiv;

Ikkunsidrat:

10. Illi permezz ta' skrittura privata datata s-6 ta' Lulju, 2003, (ara foll 82), formanti parti mill-process Numru 965/2007 fl-ismijiet **Silvio Briffa *et* vs. Emanuel *sive* Noel Palmier**, hemmhekk a foll 7), l-istess rikorrenti odjern Palmier kien kera r-ristorant maghruf bl-isem ta' Savini, ta' 23, Triq il-Qawra, il-Qawra;

11. Illi r-rikorrenti isosstni li hu kien jibghat il-formoli tal-TVM rilevanti b'mod regolari, (ara foll 33);

12. Illi sussegwentement l-intimat *de quo* kien informa lir-rikorrenti permezz tal-ittra ufficjali fuq indikata, (ara paragrafu numru tmienja punt wiehed, (8.1.), aktar qabel), li hu u l-kumpanija rikorrenti kellhom ihallsu lill-intimat l-ammont hemm indikat ghat-TVM minnhom hekk dovut;

13. Illi minn ezami tal-formoli tat-TVM tas-socjeta` intimata ghas-snin 2007 sa 2009, (ara foll 131 sa 133), jirrizulta li dawn intbaghtu lill-intimat bil-kumment *“not operating”*;

14. Illi in vista tal-istess id-Dipartiment tal-TVM hareg valutazzjoni *ex officio* datata z-17 ta’ Dicembru, 2010, (ara foll 17);

15. Illi jirrizulta li r-rikorrenti naqsu li jintavolaw appell fit-termini ta’ tletin (30) gurnata mid-data tan-notifika tal-valutazzjoni *de quo*;

16. Illi f’dan ir-rigward ir-rikorrenti jsosstni li qatt ma ircieva din il-valutazzjoni d-dar, (ara foll 33);

17. Illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti qed jitolbu li jigi allura dikjarat li ma gewx notifikati validament skont il-ligi, (ara foll 2);

Ikkunsidrat:

18. Illi l-valutazzjonijiet *de quo* tad-Dipartiment tal-TVM kienu jigu mqassma minn membri tal-Forzi Armati ta’ Malta, (ara foll 147 u 150);

19. Illi fil-kaz in dizamina l-valutazzjoni tad-Dipartiment ikkoncernat kienet imqassma minn zewg membri tal-Forzi Armati appozitament stazzjonati mal-istess Dipartiment;

20.0. Illi irrizulta li meta dawn il-membri tal-Forzi Armati marru jqassmu l-valutazzjoni in dizamina, dawn:

20.1. Ma sabux lill-persuna kkoncernata, (ara foll 148 u 151);

20.2. Sussegwentement, irrilaxxaw l-istess valutazzjoni fil-kaxxa tal-ittri tal-indirizz ikkoncernat, (ara foll 148 u 151);

20.3. Illi din il-valutazzjoni thalliet hekk fil-kaxxa tal-ittri *de quo* ghaliex il-persuna li lilha kienet indirizzata ma kienx fl-istess fond u allura ma setghax jiffirma li kien ircieva l-imsemmija valutazzjoni, (ara foll 147 sa 151);

Ikkunsidrat:

21. Illi f'dan ir-rigward ta' notifikazzjoni in dizamina ssir referenza ghall-artiklu 73(2) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 406), li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Kull avviz li huwa mehtieg li jinghata mill-Kummissarju jew minn xi persuna ohra taht dan l-Att jista' jigi notifikat lill-persuna sew personalment sew billi jintbaghat bil-posta. Kemm -il darba ma tingiebx prova kuntrarja, notifikata ta' avviz mibghut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviz kien gie indirizzat u impostat sew u ghandu jitqies li jkun gie notifikat, fil-kaz ta' indirizz f'Malta mhux aktar tard mit-tielet jum li jigi wara l-jum meta dan ikun gie impostat, u fil-kaz ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jigi wara dak il-jum meta l-avviz kien jigi ricevut fil-kors ordinarju tal-posta";

22. Illi fir-rigward tal-interpretazzjoni moghtija lis-sub-artiklu indikat fil-paragrafu precedenti, ssir riferenza ghas-sentenza tat-**Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fl-ismijiet XXX vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, datata s-**16 ta' Jannar, 2014**, **Rikors Numru 88/2012**, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "Kif osservat mill-**Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)** fis-sentenza fl-ismijiet **W & M Zammit Tabona *Limited* v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 14/08** deciza fis-**27 ta' Novembru, 2009**, huwa dezumibbli minn qari attent ta' din id-disposizzjoni illi l-mira generali intiza li tintlahaq hi dik li l-avviz jigi notifikat lill-persuna, fizika jew legali, li lilha ghandu jkun notifikat. Isegwi minn dan illi l-ligi qed tippresupponi illi l-procediment tan-notifika jirrealizza ruhu bil-konsenja ta' l-att ta' l-avviz. Biex jintlahaq dan l-iskop l-artikolu in ezami jikkontempla zewg modi ta' notifika: dik personali u dik bil-mezz postali. Huwa indikattiv, fuq l-interpretazzjoni tal-Qorti, illi l-ligi ma qeghda timponi ebda obbligu li l-mittenti ghandu jikkonsegwi bilfors xi gerarkija preferenzjali, u

dan hu allura liberu li jadotta dak il-mezz li jidhirlu xieraq minn fost iz-zewg modi specifikati. Naturalment, fil-kaz li jintghazel il-mezz postali, d-disposizzjoni tesigi li l-avviz ikun indirizzat u impostat sew ghax inkella, l-konsegwenza tkun li ma tiskattax il-presunzjoni tan-notifika. Maghmula din il-prova, cirkostanzjali jew indizzjarja, 'hemm *il-presumptio hominis vel facti*, importanti ghall-Qorti, il-*proof of postage is proof of delivery*";

Ikkunsidrat:

23. Illi in linea mal-insenjament riferit fil-paragrafu precedenti ghandu jirrizulta pacifiku li gialadarba l-konsenja tal-valutazzjoni *de quo* saret skont il-ligi billi thalliet fl-indirizz indikat, allura tali konsenja ghandha titqies li kienet wahda valida u mhux kif allegat mir-rikorrenti;

24. Illi *di piu`*, minn ezami tal-kopja tal-*pink card* rigwardanti n-notifika tal-konsenja in dizamina, (ara fol 24), jirrizulta assodat li l-valutazzjoni in kwistjoni kienet ikkonsenjata fil-fond hemm indikat, senjatament *"The Gables", Blokk 'D'*, *Flat* 7, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Bahar;

25. Illi l-istess indirizz tar-rikorrenti indikat fil-paragrafu precedenti hu l-istess wiehed indikat fil-valutazzjoni moghtija mill-intimat fiz-17 ta' Dicembru, 2010, (ara foll 17), indikat mill-istess rikorrenti fid-dokumenti minnhu moghtija lid-Dipartiment ikkoncernat, (ara foll 22), u addirittura kif indikat ukoll mir-rikorrenti stess fir-rikors guramentat promotur minnu intavolat, (ara foll 3);

Ikkunsidrat:

26. Illi in vista tal-premess, il-kwezit tal-impostar tal-valutazzjoni *ai termini* tal-artiklu 73 (2) tal-Kap 406 jirrizulta debitament sodisfatt, u konsegwentement jigi sottolineat li allura n-notifika bil-posta tal-valutazzjoni *de quo* tirrizulta li saret sewwa u skont il-ligi;

27. Illi ghalhekk it-terminu tal-appell fuq riferit beda jiskatta miz-17 ta' Dicembru, 2010, (ara foll 24);

Ikkunsidrat:

28. Illi jirrizulta assodat li fit-terminu preskritt ta' tletin (30) gurnata mid-data *de quo* r-rikorrenti ma intavolaw l-ebda appell kontra l-valutazzjoni indirizzata fil-konfront taghhom;

29. Ili konsegwentement, l-istess valutazzjoni ghandha tigi kkunsidrata li saret finali u mhux aktar possibbli ghar-rikorrenti li jikkontestawha ulterjorment;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqqsu jippruvaw l-allegazzjonijiet minnhom vantati f'din il-procedura, u konsegwentement:

**DECIDE:**

30.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

30.2. Takkolji r-risposti tal-intimat;

30.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**